



Brussell, 13 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

9895/22

LIMITE

ENV 577
MI 447
RELEX 744
CODEC 854

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0367(COD)**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-vjeġġi ta' skart u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1257/2013 u (UE) Nru 2020/1056 – Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. L-għan ta' dan ir-rapport huwa li jippreżenta s-sitwazzjoni attwali ġenerali u jagħti ħarsa lejn il-progress li sar fuq il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-vjeġġi ta' skart u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1257/2013 u (UE) Nru 2020/1056. Din il-proposta għandha l-għan li tissostitwixxi r-Regolament attwali dwar vjeġġi transkonfinali ta' skart u temenda r-Regolament dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti. Għandha l-għan ġenerali li l-ambjent u s-saħħa pubblika jitħarsu aħjar mill-impatt ta' vjeġġi transkonfinali mhux adegwati ta' skart u li jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Basel u jiġu integrati r-regoli tal-OECD.

2. Fis-17 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat proposta għal tfassil mill-ġdid tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart. Dan ir-regolament jikkonċerna l-vjeġġi ta' skart fl-UE u lejn pajjiżi terzi (l-OECD u pajjiżi oħra). Il-proposta hija parti mill-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u b'mod aktar speċifiku tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari u tal-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero, kif ukoll tal-Istrateġija kontra l-Kriminalità Organizzata 2021-2025. Il-proposta kienet akkumpanjata minn komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "L-iskart tagħna, ir-responsabbiltà tagħna: Vjeġġi tal-iskart f'ekonomija nadifa u aktar ċirkolari".
3. Il-Kummissjoni tippromponi li tintuża taħlita ta' politiki li jsaħħu lil xulxin li jkunu msejsa fuq l-erba' elementi kostitwenti ta' hawn taħt:
- a) il-faċilitazzjoni tat-trasport tal-iskart fl-UE għar-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid;
 - b) rekwiżiti aktar stretti għall-esportazzjoni ta' skart barra mill-Unjoni Ewropea;
 - c) it-tisħiħ tal-ġlieda kontra t-traffikar illegali ta' skart.
4. Il-proposta għal regolament għandha 82 artikolu u 16-il anness. Hi organizzata fil-forma ta' tmien titoli u tlieta minnhom jippreżentaw dispożizzjonijiet kompletament ġodda meta mqabbla mal-verżjoni attwali. Għaldaqstant, it-Titolu II fih dispożizzjonijiet dwar il-vjeġġi fl-Unjoni, bi jew mingħajr tranżitu minn pajjiżi terzi. It-Titolu IV fih dispożizzjonijiet dwar l-esportazzjonijiet mill-Unjoni lejn pajjiżi terzi. Fl-aħħar nett, it-Titolu VII fih dispożizzjonijiet dwar l-infurzar ta' dan ir-Regolament. Tfasslu wkoll l-Annessi VIII u X, b'rabta mad-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV. Għalhekk, l-Anness X jispeċifika l-kriterji biex tintwera ġestjoni ekoloġikament għaqlija fil-faċilitajiet ta' trattament destinatarij ta' pajjiżi terzi.

L-Anness VIII jippreżenta l-formola ta' talba għall-inklużjoni fil-lista ta' pajjiżi li għalihom hija awtorizzata l-esportazzjoni ta' skart mhux perikoluż destinat għall-irkupru li jkun ġej mill-Unjoni Ewropea.

5. Fil-Parlament Ewropew, il-proposta ġiet analizzata mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel. L-abbozz ta' rapport ġie ppubblikat fil-11 ta' April 2022. Id-data tal-vot dwar ir-rapport għadha mhix magħrufa. Ġew proposti total ta' 599 emenda.
6. Il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ġew ikkonsultati. Il-Kumitat tar-Reġjuni ddeċieda li ma jgħodhx opinjoni. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali adotta r-rapport tiegħu fit-23 ta' Frar 2022.

II. ĦIDMA FIL-KUNSILL

7. Fi ħdan il-Kunsill, il-grupp ta' ħidma responsabbli għall-eżami tal-proposta huwa l-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent. Il-proposta għal Regolament u l-valutazzjoni tal-impatt tiegħu ġew ippreżentati mill-Kummissjoni f'vidjokonferenza informali tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent fis-6 ta' Diċembru 2021. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta wkoll fil-Kunsill Ambjent tal-20 ta' Diċembru 2021.
8. Ir-reviżjoni tar-Regolament dwar il-vjeġġi ta' skart kienet waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Presidenza Franċiża bil-ħsieb li jiġu eżaminati l-artikoli kollha tal-proposta bħala l-ewwel approċċ. Matul il-Presidenza Franċiża, seba' laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent – fl-14 u t-28 ta' Jannar, l-4 ta' Frar, l-10 u t-28 ta' Marzu, it-12 ta' April u s-17 ta' Mejju – u vidjokonferenza informali tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent fis-27 ta' April kienu dedikati għal diskussjonijiet dwar din il-proposta. Id-dispożizzjonijiet dwar ir-rwol tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) ġew ippreżentati wkoll lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Ġlieda kontra l-Frodi fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Mejju 2022. Barra minn hekk, waslu ħafna kummenti bil-miktub mid-delegazzjonijiet. Dawn il-laqgħat ippermettew l-ewwel diskussjoni tad-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament, kif ukoll l-eżami tal-ewwel proposta ta' kompromess tal-Presidenza dwar it-Titoli I u II. Il-punti ewlenin ta' diskussjoni huma elaborati hawn taħt.

Il-vjeġġi ta' skart fi ħdan l-Unjoni

9. In-novità ewlenija fir-regoli dwar il-vjeġġi tal-iskart ġewwa l-UE hija marbuta mal-introduzzjoni ta' sistema diġitali li tiffaċilita l-komunikazzjoni bejn l-atturi u l-awtoritajiet ikkonċernati. L-introduzzjoni tas-sistema diġitali ġiet appoġġata mid-delegazzjonijiet kollha. Id-diskussjonijiet urew interess qawwi li jinftehm u aħjar il-funzjonalitajiet eżatti ta' din is-sistema u kif din tista' tkun marbuta mas-sistemi eżistenti f'xi Stati Membri.
10. Peress li l-għan ewlieni tal-introduzzjoni tas-sistema diġitali huwa li tqassar il-proċeduri ta' kunsens għall-vjeġġi ta' skart, il-Kummissjoni pproponiet skadenzi iqsar għall-awtoritajiet kompetenti u n-notifikaturi. Dan wassal għal tħassib fost id-delegazzjonijiet li, fil-maġġoranza tal-każijiet, qajmu dubji dwar l-iskadenzi iqsar, meta jitqies li l-iskadenzi proposti jistgħu jipperikolaw iż-żmien meħtieġ għad-djalogu bejn il-partijiet.
11. Il-proposta għall-projbizzjoni tal-vjeġġi ta' skart għar-rimi ntlaqgħet b'mod pożittiv mill-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet. Madankollu, id-delegazzjonijiet għamlu enfasi fuq l-aspetti prattiċi u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet proposti. Fil-fatt, tqajmu mistoqsijiet fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni, kif ukoll l-ispeċifikitajiet tal-Istati Membri ż-żgħar u r-reġjuni transkonfinali.
12. B'mod partikolari, saru bosta kummenti dwar l-approċċ il-ġdid għall-kunsens taċitu mill-awtorità kompetenti tad-dispaċċ.

Dispożizzjonijiet dwar l-esportazzjoni ta' skart lejn pajjiżi terzi

13. Id-delegazzjonijiet laqgħu b'mod ġeneralment pożittiv il-proposta tal-Kummissjoni li tiġi introdotta sistema aktar stretta għall-esportazzjoni ta' skart lejn pajjiżi terzi. Il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-iskart kollu esportat lejn pajjiżi terzi jiġi ġestit b'mod ambjentalment sostenibbli ġiet enfasizzata minn għadd ta' delegazzjonijiet.

14. Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi li l-esportazzjoni ta' skart lejn pajjiżi li mhumiex fl-OECD ser tkun ipprojbita fil-prinċipju, ħlief meta l-pajjiż inkwistjoni jkun innotifika lill-Kummissjoni bix-xewqa li jirċievi skart mill-UE u jkun wera l-kapaċità tiegħu li jimmaniġġja l-iskart b'mod sostenibbli. Dan l-approċċ tal-Kummissjoni bil-għan li tinħoloq lista ta' pajjiżi li mhumiex fl-OECD li indikaw ix-xewqa tagħhom li jirċievu skart mill-UE ntlaqa' b'interess mid-delegazzjonijiet, kif ukoll il-proposta li l-kumpanniji esportaturi tal-iskart jintalbu jivverifikaw li s-siti li jirċievu l-iskart ikunu soġġetti għal awditu indipendenti. Fl-istess ħin, saru bosta mistoqsijiet dwar l-implimentazzjoni Prattika tal-awditu.
15. Xi delegazzjonijiet saħqu li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament ma għandhomx jaffettwaw b'mod negattiv lill-Istati ż-żgħar li jiddependu ħafna mill-esportazzjoni għat-trattament u b'mod partikolari r-rimi tal-iskart tagħhom.

It-tisħiħ tal-kontroll tal-flussi illegali ta' skart u r-rwol tal-OLAF

16. Id-delegazzjonijiet kienu b'mod ġenerali favur it-tisħiħ tal-miżuri ta' kontroll. Madankollu, ir-rwol il-ġdid tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar il-pieni amministrattivi u kriminali, qajmu mistoqsijiet mid-delegazzjonijiet.
17. Vidjokonferenza informali tal-membri tal-Grupp ta' Hídma dwar l-Ambjent fis-27 ta' April ippermettiet skambju ddedikat dwar id-dispożizzjonijiet b'rabta mar-rwol tal-OLAF. L-Istati Membri qajmu bosta mistoqsijiet dwar il-mandat ta' din l-aġenzija, ir-rwol tagħha fir-rigward ta' entitajiet oħrajn bħall-INTERPOL u l-EUROPOL u l-mezzi ta' azzjoni tagħha biex tniedi investigazzjonijiet fl-Istati Membri. Tqajmu wkoll mistoqsijiet dwar il-persunal u l-kapaċitajiet tal-OLAF, il-prattiki konkreti f'termini ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali jew ta' spezzjonijiet fuq il-post.
18. Fir-rigward tas-sanzjonijiet, id-delegazzjonijiet qajmu dubji dwar ir-relazzjoni bejn is-sanzjonijiet amministrattivi u s-sanzjonijiet penali, kif ukoll il-possibbiltà li jiġu adottati sanzjonijiet aktar stretti minn dawk previsti fir-Regolament.

19. Ħafna delegazzjonijiet appellaw biex il-Grupp ta' Korrispondenti jinżamm fil-forma attwali tiegħu u talbu kjarifiki mal-grupp ta' esperti previst fil-proposta għal Regolament.

III. ĦIDMA TAL-PRESIDENZA

20. Fuq il-bażi tad-diskussjonijiet u tal-kummenti bil-miktub, il-Presidenza ħejjiet proposti ta' kompromess dwar it-Titolu I tal-proposta għal Regolament, li jikkonċerna l-għan, il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet. Il-Presidenza reġgħet ħadmet ukoll fuq it-Titolu II dwar il-vjeġġi ta' skart ġewwa l-Unjoni Ewropea, b'emendi li hija tqis aċċettabbli għad-delegazzjonijiet. Madankollu, il-Presidenza tqis li għad hemm hteġa għal aktar diskussjonijiet.
21. Il-proposta tal-Presidenza għat-Titolu I tirrigwarda d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-għan, il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet tal-proposta. Tqis il-korrezzjonijiet proposti u xi wħud mill-kummenti tad-delegazzjonijiet. Fil-fatt, ġew iċċarati bosta definizzjonijiet u żdiedet definizzjoni ta' "il-persuna li torganizza l-vjeġġ". Il-proposta għal regolament ġiet ippreżentata fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent fis-17 ta' Mejju, u fid-diskussjoni ma tqajjem ebda element addizzjonali għall-kummenti li kienu wasslu lill-Presidenza biex tagħmel dawn il-proposti.
22. Saret ħidma fuq it-Titolu II biex jiġu integrati l-korrezzjonijiet imqajma mid-delegazzjonijiet kif ukoll il-proposti għal emendi kunsenswali. Dawn tal-aħħar jirrigwardaw b'mod partikolari l-iskadenzi għan-notifika ġenerali kif ukoll dawk għall-proċedura ta' kunsens minn qabel.

Id-delegazzjonijiet kienu leħħnu ħafna tħassib f'dan ir-rigward waqt id-diskussjonijiet, fejn qiesu li r-regoli l-ġodda huma wisq restrittivi. Diversi Stati Membri qasmu l-idea li l-użu ta' sistema elettronika ġdida mhu ser isolvi la l-hteġa għal żmien għal skambji bejn il-Partijiet, u lanqas il-hteġa li l-awtoritajiet kompetenti jeżaminaw il-fajl u li n-notifikaturi jibagħtu d-dokumenti mitluba.

Il-Presidenza kkunsidrat din il-kwistjoni bħala prijorità, peress li din il-proċedura hija l-qalba tar-reviżjoni tar-Regolament fir-rigward tal-kompiti tal-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-applikazzjoni tiegħu. L-abbozz ta' kompromess imħejji dwar it-Titolu II huwa konformi ma' dan l-oġettiv.

Barra minn hekk, il-Presidenza tqis li l-punti li ġejjin jeħtieġu aktar diskussjoni:

- sabiex mhux biss jibqgħu possibbli diversi ċikli ta' skambji man-notifikatur iżda wkoll biex ma jiżdiedx il-piż ta' xogħol tad-diversi atturi, id-deċiżjoni li ma titkompliex il-proċedura tista' tkun għażla mogħtija lill-awtorità kompetenti u mhux obbligu impost fuqha;
- sabiex ma jiżdiedx il-piż ta' xogħol billi jiġu ppreżentati fajls suċċessivi, jista' jiġi previst li titnaqqas il-probabbiltà ta' deċiżjonijiet li ma jitkompliex l-eżami f'każ ta' talba mhux issodisfata billi dawn jiġu rriżervati biss għall-awtoritajiet tad-dispaċċ u tad-destinazzjoni;
- Fl-aħħar nett, il-kunsens taċitu tal-awtorità kompetenti tad-dispaċċ jista' jitqies li nkiseb b'żewġ kundizzjonijiet kumulattivi: il-ħruġ minn qabel tad-deċiżjoni formali tagħha u l-validazzjoni tagħha tal-garanzija finanzjarja jew l-assigurazzjoni ekwivalenti.

Għalhekk, il-proposti li l-Presidenza ser tiċċirkola dwar it-Titoli I u II għandhom jinftiehem biss bħala kontributi għall-ħidma fuq l-abbozz ta' Regolament li għandha tkompli taħt il-Presidenza Ċeka.

IV. KONKLUŻJONI

23. Il-Presidenza tqis li l-ħidma li saret matul il-mandat tagħha għenet biex jingħataw kjarifiki importanti dwar il-proposta għal Regolament dwar il-vjeġġi ta' skart u tista' sservi bħala bażi għal diskussjoni aktar fil-fond dwar il-proposta.

24. Il-Presidenza Franċiża timpenja ruġha li taħdem mill-qrib mal-Presidenza Ċeka li jmiss sabiex tiżgura t-tkomplija tal-ħidma. Il-Presidenza tixtieq ukoll tiringrazzja lill-Kummissjoni għall-kooperazzjoni u l-appoġġ eċċellenti tagħha kif ukoll għad-dokumenti informali pprovduti, u lill-Istati Membri għall-impenn u l-kooperazzjoni tagħhom.
25. Bħala konklużjoni, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jieħu nota ta' dan ir-Rapport ta' Progress tal-Presidenza u jgħaddih lill-Kunsill Ambjent fit-28 ta' Ġunju 2022.
-